# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19/8

Il-Hamis  20 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut - Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena -  Segretarju Eżekuttiv
J.M.Formosa – Rapprezentant tal-Kunsill Lokali tal-Gudja
Josianne Debono – Accountant tal-Kunsill

AĠENDA

019.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

019.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (18/8 [06/02/20]);

019.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

019.4 Approvazzjoni tal-Financial Statement 2019

019.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

019.6 Rapporti;

019.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

019.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

019.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin għaxra ta` filgħaxija (6.50pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 019.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittra ta` apologija minghand is-Sur Mark Anthony Sammut jigi skuzat. L-apologija giet milqugha minn dawk prezenti.

### 019.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (18/8 [06/02/20])

019.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 018/8 nem con.

019.2.2 Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiddiskuti item no. 019.4, fejn talbet lis-Sinjura Bonello, l-accountant tal-Kunsill sabiex taghti spejgazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena 2019.

**019.4 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2019**

L-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni lill-membri tal-Kunsill dwar kif ghalaq is-sena finanzjarja tal-2019. Is-Sinjura Bonello spjegat li kien hemm inqas spejjez milli dhul u ghalhekk il-Kunsill ghas-sena 2019, spicca b`surplus ta` €22,820 wara li giet mnaqqsa d-depreciation.

Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex jigi spjegat aktar fid-dettal il-qabza sostanzjali li kien hemm fl-ispiza ta` road markings and signs u fir-road and street pavements mis-snin precendenti. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jigu cirkulati l-invoices relatati tas-sena 2019 lill-membri tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements ghas-sena 2019.

**019.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

019.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li matul dawn il-jiem kienu twahhlu diversi litter bins u dog bins madwar il-Gudja.

019.3.2 Prezentata kwotazzjoni ta` tindif ta` soft areas fiz-zona ta` Xlejli. Il-kwotazzjoni tammonta ghall- €150 inc VAT. Din il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

019.3.3 Prezentata kwotazzjoni ta` zbir ta` sigar ta` Gnien Raymond Caruana, liema kwotazzjoni tammonta ghall- €400 inc VAT. Din il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti. Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex il-Kunsill johrog is-sejha ghal dawn ix-xoghlijiet ta` tindif ta` soft areas. Dwar dan kien hemm qbil min dawk prezenti.

019.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-floor lights li mhux qed jixghelu fl-isqaqin, fejn infurmat lil dawk prezenti li hemm disgha li mhux jixeghlu u li l-ispiza kienet ser tammonta ghall- €3,690. Din l-ispiza giet approvata minn dawk prezenti.

019.3.5 Is-Sindku prezentat hames invoices ta` xoghlijiet li saru extra mill-kuntrattur tal-gbir ta` skart, sabiex tbattlu l-dust bins tas-soft areas kollha. Dawn l-invoices ikompru minn Lulju sa` Novembru 2019. Dawn prezenti qabblu li dawn il-kontijiet jigu mhallsa.

019.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ha somma ta` €6,241.24 mir-Regjun Nofsinhar mill-fondi allokati lilu. Dawn il-flus ghamlu tajjeb ghax-xoghlijiet li saru fi Triq Hal-Tarxien.

019.3.7 Dr. Marija Sara Vella pprezentat korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand resident, fejn talab sabiex titnehha lampa fi sqaq nurmu 3 fi Triq Santa Katarina sakemm isiru xoghlijiet mall-faccata umbghad terga` titwahhal fejn kienet. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni ghal dan.

019.3.8 Is-Sindku proponiet sabiex is-servizz tal-gbir tal-borza l-hadra jsir darbtejn fil-gimgha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

019.3.9 Is-Sindku talbet sabiex isir aktar moniterrag mill-Contracts Manager tal-Kunsill dwar is-servizz tal-knis li qed jinghata fil-lokalita.

019.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-proposta sabiex tigi organizzata Festa Nar 2020 fil-lokalita tal-Gudja ma gietx milqugha.

019.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fi Triq Raymond Caruana ser jinbdew fil-granet li gejjin. Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex il-cables ta` servizzi kollha jghaddu minn taht l-art. Is-Sur Caruana zied jghid sabiex il-Kunsill jgib il-kwotazzjonijiet tal-cast iron lamps biex jigu nstallati fi Triq Raymond Caruana bhal ma kien ppjanat li jsir snin ilu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

019.5 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

019.6 **Rapporti**

019.6.1 Gie prezentat il-Financial Quarterly Report (Jan- Dec 2019), liema rapport gie approvat minn dawk prezenti.

019.7 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

019.7.b. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien rebah il-kawza tal-mandat ta` inibizzjoni u kif ukoll il-kawza mall-PCRB li gieT prezentata mill-kumpanija LBV Ltd in kwistjoni ta` sejha ghall-offerti relatati max-xoghlijiet fi Triq anta Katarina, Triq id-Dejqa u Triq J.Pace.

019.7.c. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti bit-talba li isir c-change request relatata mall-progett Mizura 4.3

- Change request biex issir estenzjoni ta` data ghal tlett xhur ohra sa` meta ser jitlesta l-proget.

019.7.d. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ghandu laqgha nhar is-27 ta` Frar 2020 mad-Direttur Generali, s-Sur Stephen Bonello flimkien mall-perit Karl Cutajar u s-Sur Sandro Azzopardi mill-Ministeru.

019.7.e. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fi Gnien Gilormu Cassar inbdew mill-kuntrattur assenjat mill-FTZD.

019.8 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

Il-lista ta’ pagamenti nru 08/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier S.Caruana għall-ammont totali ta’ €8,455.87 u ġiet approvata nem con.

019.9 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha u ghoxrin ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 17 ta` Marzu 2020 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 24 ta` Marzu 2020

| | |
|---|---|
| Ffirmati | Ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |